# Rapport Amministrattiv 2022

# Kunsill Lokali Birżebbuġa

## Laqgħa Annwali tal-Lokalità

**L-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023**

# Werrej Ġenerali:

Il-Kunsill Lokali / L-Amminstrazzjoni Paġna 2

Responsabbilitajiet u Dekasteri Paġna 5

Il-Hidma tal-Kunsill Lokali matul l-2022 Paġna 7

Rapport Finanzjarju għas-sena 2022 Paġna 13

Konklużjoni Finali Paġna 16

# 1. Il-Kunsill Lokali

Birżebbuġa, skond l-aħħar Reġistru Elettorali maħruġ f'Ottubru 2022, hija lokalità, bi 9,024 votant b'popolazzjoni li taqbeż l-14,000 ruħ. Għalhekk, skont il-liġi tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, huwa kompost minn disa' Kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu.

Il-parti Amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentament immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, mgħejjun minn sitt Skrivani. Flimkien, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkoordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-Finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-Seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti, kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun li jiddiskutu u jressqu proposti, li wara jiġu diskussi u deċiżi waqt Seduta tal-Kunsill Lokali.

## L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali:

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta kif ġej:

**Is-Sur Jordy Brincat** — **Segretarju Eżekuttiv**
Responsabbli mill-operat u l-ħidma sħiħa tal-Kunsill Lokali, l-Amministrazzjoni, l-Finanzi, r-Riżorsi Umani u r-relazzjonijiet mar-residenti, Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern.

**Is-Sa. Stephanie Aloisio** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett amminstrattiv. Responsabbli mill-applikazzjonijiet marbuta mal-awtorità tat-trasport, relazzjonijiet ma' diversi awtoritajiet oħra, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa. Simone Fenech** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-attivitajiet kulturali u soċjali. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti, u azjendi kummerċjali, ġbir u rimi ta' skart goff, kirjiet tal-futbol pitch, permessi, ħlasijiet, attivitajiet soċjali, ilmenti u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa. Eleanor Manicaro** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett finanzjarju.
Responsabbli mill-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità, kif approvati waqt is-seduti, rimborż minn skemi maħruġa u fondi oħrajn.

| | |
|---|---|
| **Is-Sa. Gloria Abela** | **Assistent Prinċipal**<br>Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tar-riżorsi umani.<br>Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti, u azjendi kummerċjali, ħlasijiet, xogħol relatat mar-riżorsi umani flimkien u remunerazzjoni tal-membri tal-Kunsill, ħlasijiet, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| **Is-Sur Christian Mifsud** | **Uffiċjal Eżekuttiv**<br>Jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv f'diversi laqgħat.<br>Responsabbli mir-relazzjonjiet mar-residenti, u azjendi kummerċjali, mezzi soċjali, applikazzjonijiet tal-iskemi, ġbir ta' kwotazzjonijiet, Fixed Assets Register u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| **Is-Sa. Maria Gerada** | **Receptionist**<br>Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti, *telephone operator* u assistenza ġewwa l-uffiċċju. |

---

*Matul din is-sena l-ħaddiema tal-kommunità, ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:*

Is-Sur Raymond Vella *(Foreman)*
Is-Sur Francis Cassar
Is-Sur Stephen Magro
Is-Sur Bartholomew Portelli
Is-Sur Vince Mc Intyre
Is-Sur Raymond Cefai
Is-Sur Rokku Borg (sa Frar 2022)
Is-Sur Stefano Buhagiar

## L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttura



## Responsabbiltajiet tas-Sindku u l-Kunsilliera attwali

- **Is-Sur Scott Camilleri -** *Sindku*

a) Rappreżentant fil-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar
b) Rappreżentant għall-fondazzjoni GAL XLOKK
c) Rappreżentant għal *Malta Freeport Terminals*
d) Rappreżentant fl-Aġenzija Żgħażagħ
e) Rappreżentant fl-i*steering committee* tal-*iskate park*
f) Rappreżentant fil-*youth exchanges*
g) Kultura u proġetti relatati
h) Fondi tal-Unjoni Ewropea
i) Għaqdiet lokali, żgħażagħ u tfal
j) Protezzjoni ċivili
k) Kommunitajiet kummerċjali

- **Is-Sinjura Josepha k/a Josette Busuttil -** *Viċi Sindku*

a) Attivitajiet kulturali
b) Avvenimenti lokali u soċjali
c) *Playing fields*
d) Qasam soċjali
e) Persuni bi bżonnijiet speċjali
f) Integrazzjoni soċjali
g) Komunitajiet

- **Is-Sur Joseph Farrugia -** *Kunsillier*

a) Xogħlijiet u proġetti
b) Aspetti soċjali
c) Koordinament mal-Gvern Ċentrali

- **Is-Sur Sandro Alexander Caruana -** *Kunsillier*

a) Immaniġjar tat-traffiku
b) Parkeġġ
c) Skemi
d) Infrastruttura u proġetti kapitali
e) Dwal tat-toroq

- **Is-Sinjorina Doriana Josepha Portelli –** *Kunsillier*

a) Edukazzjoni
b) Libreriji pubbliċi
c) Harsien tal-annimali
d) Espressjonijiet artistiċi
e) Żgħażagħ u tfal
f) Rappreżentanta fl-*Isteering committee* tal-*iskate park*

- **Is-Sinjura Maria Mifsud** - *Kunsillier*

a) Ambjent
b) Indafa
c) Żamma tal-ġonna u *soft areas*
d) Turiżmu
e) Rappreżentanta f'isem il-Kunsill għall-*Malta Freeport Terminals*

- **Is-Sur Carlo Stivala** - *Kunsillier*

a) *Sports* u attivitajiet fiżiċi
b) Intrapriżi żgħar u medji

- **Is-Sur Johann Borg** - *Kunsillier*

a) Saħħa
b) Fondi ewropej
c) Trasport pubbliku *(flimkien mal-Kunsillier Simon Buttigieg)*
d) Saħħa Mentali

- **Is-Sur Simon Buttigieg** - *Kunsillier*

a) Infurzar u sigurtà
b) Qasam marittimu
c) Trasport pubbliku *(flimkien mal-Kunsillier Johann Borg)*

***Steering committee* fi ħdan il-*Malta Trust Foundation***
rappreżentanza mis-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsilliera Doriana Portelli.

---

## Formazzjoni tal-Kunsill Lokali (2019 – 2023)

| | |
|---|---|
| *Is-Sur Joseph Farrugia* | **Sindku** (minn Lulju 2019 sa Lulju 2021)<br>**Kunsillier** (minn Awwissu 2021 sal-llum) |
| *Inġinier Stanley Zammit* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sa Mejju 2022) |
| *Is-Sur Scott Camilleri* | **Viċi Sindku** (minn Lulju 2019 sa Lulju 2021)<br>**Sindku** (minn Awwissu 2021 sal-llum) |
| *Is-Sa. Josepha k/a Josette Busuttil* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sa Lulju 2021)<br>**Viċi Sindku** (minn Awwissu 2021 sal-llum) |
| *Is-Sur Sandro Alexander Caruana* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sal-llum) |
| *Is-Sa. Doriana Josepha Portelli* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sal-llum) |
| *Is-Sa. Maria Mifsud* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sal-llum) |
| *Is-Sur Carlo Stivala* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sal-llum) |
| *Is-Sur Joseph Baldacchino* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sa Jannar 2023) |
| *Is-Sur Johann Borg* | **Kunsillier** (minn Ġunju 2022 sal-llum) |
| *Is-Sur Simon Buttigieg* | **Kunsillier** (minn Jannar 2023 sal-llum) |

# 2. Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## Introduzzjoni

Matul is-sena 2022 il-Kunsill lokali Birzebbuga ħadem fuq diversi proġetti li joffru kwalita ta' ħajja aħjar lir-residenti ta' Birzebbuga fosthom diversi proġetti ta' ambjentali, tisbiħ, infrastrutturali, soċjali, sigurtà u sports. Apparti minn hekk fis-sena li għadha kif intemmet, komplejna nwettqu u naħdmu qatiegħ, sabiex inkabbru l-effiċjenza fis-servizzi li noffru lill-komunità, billi nagħtu aktar servizzi, b'inqas spejjeż.

F'Mejju tal-2022 il-Kunsill għal darba oħra kellu bidla fl-amminstrazzjoni tiegħu hekk kif l-Inġinier Stanley Zammit inħatar bħala Membru Parlamentari, b'hekk wara 10 snin Kunsillier u Minority Leader fi ħdan il-Kunsill Lokali Birżebbuġa l-Inġinier Zammit irriżenja mill-Kunsill. F'Ġunju tal-2022 wara li għalaq il-proċess tal-elezzjonijiet każwali ġie elett is-Sur Johann Borg bħala Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali Birżebbuġa.

Matul is-sena 2022, il-Kunsill kompla jsaħħaħ is-servizzi, filwaqt li ħadem ħafna sabiex itejjeb il-finanzi tal-Kunsill. Kellna nżommu jdejna sodi mal-kuntratturi, kif ukoll addottajna tfassil ta' sistemi ġodda u modernizar diġitali. Harġu aktar offerti pubbliċi, fejn il-Kunsill żied is-servizzi, li ġabu magħhom żieda fl-ispejjeż kuntrattwali.

### *L-isfidi kontinwi tagħna huma:*

- Inżommu dan ir-ritmu ta' xogħol permezz tas-servizzi li joffru l-ħaddiema fi ħdan il-Kunsill;
- Innaqqsu l-ispejjeż mingħajr ma nnaqqsu l-kwalità tas-servizzi li noffru;
- Nimmiljoraw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill;
- Inħarsu 'l quddiem b'lenti pożittiva.

Il-Kunsill kompla jaħdem, sabiex iġib aktar fondi u proġetti, għat-tisbiħ tal-lokalità. Għas-sena li għadha kif intemmet, is-sena 2021, il-Kunsill rebaħ fond Ewropew proġett ta' restawr tal-pittura, fil-Kappella tas-Sagra Familja, liema proġett ġie inawgurat nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2022. B'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra, il-Kunsill qiegħed jikkoordina wkoll il-proġett ta' Wied il-Buni, kif ukoll il-proġett tal-Park ta' Bengħajsa li dan infetaħ parzjalment fil-bidu tal-2023. Matul din is-sena saret ħidma fundamentali fuq is-sejħa ta' interess għall-post fejn tista' issir berġa tas-saħħa. Apparti minn hekk inbeda x-xogħol għad-devulzjoni ta' art biex tinbena librerija ġdida fil-lokalita. Ix-Xogħolijet infrassturali matul din is-sena ma' waqfux wieħed jingħota lis-saret triq Dawret il-Qalb imqadsa kif ukoll ukoll diversi toroq madwar il-lokalità, kif ukoll tlesta l-proġett kontra l-għargħar fiż-żona ta' San Ġorġ.

Il-mira tal-Kunsill hi li jkompli jaħdem sabiex mhux biss itejjeb l-operat, iżda fl-istess waqt ikompli jaħdem sabiex il-lokalità ta' Birżebbuġa tkompli tisbieħ u tattrata lill-pubbliku inġenerali. Filwaqt li l-Kunsill dejjem jagħmel ħiltu kollha, sabiex iżomm il-finanzi f'qagħda tajba, ser ikompli jinvesti f'aktar proġetti kapitali lejn il-lokalità. Il-Kunsill jinsab ċert li

b'dan it-titjib, kif ukoll proġetti proposti huma sabiex jirrispetta l-ambjent u l-valur ta' Birżebbuġa. Dan kollu nwettquh, sabiex inkomplu nkunu ta' eżempju tajjeb għal-lokalitajiet oħra.

## Infrastruttura, proġetti kapitali u xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq

Il-Kunsill kompla bil-ħidma tiegħu biex isebbaħ Birżebbuġa fejn beda it-tibdil tat-tabelli kollha tal-ismijiet tat-toroq. Dawn jinkludu it-toroq prinċipali u sekondarji. Tneħħew dawk tal-metal li kienu qdiemu u issa saru biċ-ċaqquf. B' hekk offrew viżwal iktar attraenti lil min jara dawn it-tabelli u li jixirqu lil lokal tagħna.

Sar ammont ta' xogħol fuq it-toroq tal-lokal bħal; Triq ta' Feliċjan, beda x-xogħol fuq Triq Għar Ħasan, Sqaq ta' Salvun, Triq il-Port Ħieles, sistema ta' *storm water* ġdida (parti minn *Infrastructure Malta* u parti mill-*Public Works Division*)biex l-ilma kollu tan-naħa tal-Papa jibqa' nieżel sa ħdejn l-i*slipway* ta' Wied il-Buni.

B'kollaborazzjoni tal-*Public Works Division* saru dawn il-bankini fi Triq San Edwardu, Triq San Patrizju l-biċċa ta' fuq, Triq Ġużeppi Despott, Triq 13 ta' Diċembru u beda ukoll ir-rinovar tal-Ġnien il-Kunsill mill-istess diviżjoni. Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa se jordna u jinstalla l-bandli kollha għal dan il-ġnien. Dan il-proġett li hu mistenni li jitlesta fix-xhur li ġejjin.

Saret rampa ġdida għal persuni b'diżabilita f'Wied il-Buni u wiċċ tal-konkos f'parti li kienet tinstab mkissra maġenb il-piċċ tal-boċċi. Dawn ix-xogħlijiet saru mill-*Public Works Division.* Apparti minn hekk sar manutenzjoni t'ammont ta' toroq fejn Dawret il-Qalb Imqaddsa saret asfaltata mill-ġdid u saret manutenzjoni fi Triq l-Għerien. Tlestew il-latrini ta' San Ġorġ u fil-jiem li ġejjin se jibdew ix-xogħolijiet fil-latrini ġewwa Wied il-Buni. Tbiddlu il-bankijiet f'Dawret il-Qalb Imqaddsa u dawn saru minn plastik riċiklat. Fil-Qajjenza il-bankijiet ġew rranġati u miżbugħa kollha mill-ġdid. Iktar tard fis-sena ġew irranġati ukoll il-bankijiet tal-pjazza tar-raħal, li saru b'materjal *Plaswood* li hu meqjus li jiflaħ għall-elementi. Ġew installati *fences* ġodda fil-Bandli tax-xatt biex dawn jkunu iżjed ta' sigurta u sbuħija. Saru *crash barriers* fi Triq il-Qoton minn *Infrastructure Malta.*

## Immaniġġjar tat-traffiku u trasport pubbliku

Tkompliet is-sistema li jiġu friskati l-linji tas-sinjali f'Birżebbuġa, li jinkludu l-*parking bays*, *stop signs*, *yellow lines*, eċċ. Wara proċess ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-Qajjenza ġie fis-seħħ *Road Management Plan* ġdid fil-Qajjenza. Apparti minn hekk, il-Kunsill kompla bil-ħidma tiegħu biex jiġu ikkoreġuti diversi sinjali oħra, sabiex jiżdiedu l-parkeġġi u jiġu mmarkati iż-żoni tal-ħwienet kummerċjali fi żmien il-festa. Ġew irranġati wkoll diversi *crash barriers* fi Triq ta' Karaġ, Triq iż-Żurrieq u Triq tal-Ġebel. Ma' dawn issiru wkoll tindif u arranġamenti ta' mirja f'diversi toroq u daħliet problematiċi.

Il-Kunsill ressaq ukoll l-applikazzjoni tiegħu għal diversi road humps oħrajn, fosthom Triq il-Port Ħieles, Triq it-Torri, Triq San Ġużepp, Triq il-Brolli, Triq il-Qajjenza u Triq Birżebbuġa. Il-Kunsill ingaġġa l-kuntrattur sabiex jibda dawn ix-xogħlijiet fix-xitwa tal-2022, li però dan naqqas milli jagħmilom. Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll, sabiex jibda l-proċess għal sistema ta' traffiku aħjar fl-akkwati ta' Triq San Franġisk Saverju u Triq Santa Marija.

Saru tentattivi għal diversi laqgħat mal-kumpanija *Faces Consultants Ltd* li tieħu ħsieb il-*bus shelters* ġewwa Malta li s'issa b'dawn il-laqgħat ma wasalna mkien. Apparti li issa ma kull *bus shelter* ġdid irridu napplikaw quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. Minkejja il-ħames snin laqgħat ma' diversi entitajiet biex tiżdied parti mir-rotta tal-Qajjenza u Triq tal-Ġebel ġejna infurmati li t-talbiet tagħna ma ġewx approvati.

## Manutenzzjoni tad-dwal fit-toroq u dwal ġodda dekorattivi

Il-Kunsill jara li jsir il-monitoraġġ, koordinament u faċilitazzjoni tal-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq. Matul 2022, il-Kunsill beda jagħmel użu mit-tender relatat mad-dwal tat-toroq amministrat minn Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Matul din is-sena sar dawl ġdid fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni, tiswijiet temporanji fil-Bajja s-Sabiħa, fustuni ġodda f'Wied il-Buni u l-Bajja s-Sabiħa apparti minn hekk inbeda l-proċess għal dawl dekorattiv ġdid f'Misraħ Pietru Pawl Saydon, Triq Bengħajsa, Misraħ San Ġorġ Preca u Triq iż-Żebbuġ. Fil-futur qrib se nżidu d-dawl fil-Pjazza tal-Knisja. Sar diversi *feeder cables* mill-Enemalta biex isaħħu l-provvista tal-elettriku għall-bini ġdid li qed jinbenda. Dawn saru ġewwa; Triq il-Port Ħieles, Triq ir-Raddiena u Triq tal-Papa. Għad fadal jgħaddu oħrajn fi Triq in-Noqra, Triq it-Tankijiet u Triq Santa Katarina.

## Tindif, ġbir ta' skart u rimi llegali, tisbiħ u manutenzjoni ġenerali

Matul is-sena 2021, il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ibbenifika minn skema *Urban Square Initiative*, fejn il-Kunsill b'investiment ta' €17,500 bidel u għamel numru kbir ta' bankijiet b'materjal sostenibbli magħmula minn plastik riċiklat. Apparti minn hekk il-Kunsill ħass li għandu jkompli jtejjeb is-servizz tal-knis u sanitizzar tal-lokalità permezz ta' ħasil bil-bowzer kontinwu fix-xhur tas-sajf. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa daħal fi proġett pilota flimkien ma Kunsilli Lokali oħrajn sabiex jiffirmaw MoU mad-Cleansing & Maintanance Division sabiex ikollna iżjed tindif ta' kwalità fit-toroq tagħna. Nemmnu li għad hemm lok ta' titjib f'dan is-settur.

Bl-għajnuna tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi matul is-sena 2022, sar rinovar estenssiv fil-latrina ta' San Ġorg, kif ukoll saru manutenzjonijiet temporanji fil-latrina ta' Wied il-Buni. Apparti minn hekk id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għamel tiswijiet neċessarji fuq l-art biswit il-pitch tal-boċċi u manutenzjoni f'diversi ħitan perikolużi mal-lokal kollhu.

Matul is-sena permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill u t'entitajiet Governattivi bħal *Tourism Zones Regeneration Agency* u *l-Clean Malta* sar manutenzjoni fl-għamara tat-toroq, żebgħa fuq ir-*railings*, bankijiet u gazebos fil-prominad kollu; mix-xatt ta' San Ġorġ sa Wied il-Buni. Tindif fiż-żoni urbani, rurali, u f'postijiet imwarrbin fil-periferiji oħra. Sar investiment qawwi fil-konteNituri tal-iskart ġodda, *dog bins* u tħawwil ta' diversi siġar u pjanti.

Il-Kunsill organizza *Tree Planting* u *Clean Up*, b'kollaborazzjoni mal-*Malta Freeport Terminals* u *Parks Malta*, fejn ġew imħawwla numru ta' arbuxelli u pjanti. Tħawwlu wkoll siġar fiż-żona tal-Kappella ta' Bengħajsa.

Bħal snin l-imgħoddija, il-Kunsill ħa ħsieb li jipparteċipa wkoll fl-*Earth Hour*, fejn ħeġġeġ ukoll lir-residenti, sabiex jieħdu sehem huma wkoll, billi għal ftit ħin allokat, jitfu d-dawl. Il-Kunsill ta' sehmu f'din l-inizjattiva billi tefa' il-binja tal-Kunsill.

Permezz tas-sehem ta' diversi għaqdiet volontarji, il-Kunsill ħa ħsieb li jorganizza diversi *Clean Up days*, fejn inġabar ammont sostanzjali ta' skart mormi llegalment, filwaqt li dejjem sab l-għajnuna ta' *Clean Malta*, biex toħdilna dan l-iskart miġbur. Grazzi għall-ħaddiema tal-*Malta Freeport*, fil-*European Week for Waste Reduction*, sar tindif fl-inħawi tal-pjazza, fejn ġew imħawwla wkoll xi pjanti.

Parti sostanzjali mill-allokazzjoni tal-Kunsill tiġi ddedikata sabiex jingħataw is-servizzi b'xejn lir-residenti marbuta mat-tindif. Fosthom: ġbir ta' skart domestiku mit-Tnejn sas-Sibt, ġbir ta' skart goff tlett darbiet fil-ġimgħa, servizz ta' knis ta' toroq, tindif taż-żoni urbani u rurali u żamma tal-latrini pubbliċi.

Il-Kunsill Lokali daħal fil-proġett pilota mal-*Cleansing and Maintanance Department Malta*.

## Infurzar u sigurtà fil-lokalità

Matul is-sena 2021, il-Kunsill kompla jgħin sabiex isaħħaħ is-servizz tal-Pulizija fil-Kommunità. Il-Kunsill ħaseb li s-Sala tal-Kommunità tinqasam sabiex tospità s-*satellite station* tal-pulizija tal-kommunità. Żamm ukoll laqgħat regolari mal-Aġenzija LESA u l-pulizija tal-lokal. Flimkien ma' dawn l-entitajiet, qed isir studju sabiex jiġu installati aktar CCTVs sabiex jitnaqqas l-abbuż eċċessiv tar-rimi tal-iskart illegali. Matul is-sena komplejna ninstallaw diversi CCTV mal-ibins tal-lokalità li jinsabu fi Triq il-Merżuq, Triq F.M. Ferretti u Triq iż-Żebbuġ fost oħrajn. Apparti minn hekk sar investiment f'żewġ mobile CCTV. Sar aċċess ukoll fil-Bajja s-Sabiħa fejn fiha issa hemm *coverage* sħiħ bil-*cameras*.

## Solidarjetà u ħidma fil-qasam soċjali

B'kollaborazzjoni diretta mal-Ministeru għas-Saħħa u Kura Primarja, il-Kunsill fassal pjan u insistà sabiex jinbeda ukoll il-proġett tal-binja għal berġa addadata fil-lokal tagħna. Għal dan il-proġett qed ikolna għajnuna tal-*Public Works Division*, fejn bħalissa il-Kunsill qed jistenna id-devoluzzjoni tal-art filwaqt li diġa gew preparati l-pjanti mill-perit tal-kunsill. Il-Kunsill jemmen, kemm l-attività lill-anzjani hija ferm importanti. Għaldaqstant, baqa' jipprovdi servizz tat-trasport b'xejn għal ħruġ lill-anzjani li jattendu fiċ-ċentru ta' matul il-Jum. Dan sar permezz ta' parti finanzjarja mill-Malta Freeport. Matul din is-sena ħarget is-sejħa biex jinkera post mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja, biex jinkera post għall-klinika. Dan il-process jkun lest fl-2023.

B'kollaborazzjoni mal-*Foundation for Social Welfare Services*, il-Kunsill offra parti mis-sala fi ħdan il-binja tal-Kunsill biex jitqassmu l-kaxxi b'ikel u riżorsi lill-familji vulnerabbli fil-kommunità. Kif ukoll offrejna kamra oħra sabiex isir ħidma fuq il-qasam soċjali għar-residenti tagħna. F'Novembru tal-2022 il-Kunsill organizza attività bl-isem *Feed in Need*. Attività tal-*Halloween* b'differenza fejn minflok ħelu, nġabru xirjiet u ikel għal persuni fil-bżonn.

## Edukazzjoni, tfal u żgħażagħ

B'servizz ta' *Lifelong Learning*, il-Kunsill offra numru ta' korsijiet għall-adulti, sabiex dawn jibqgħu jitħarġu fit-tagħlim tagħhom. Apparti minn hekk kompla jsir l-investiment fil-librerija tal-lokalità li tinsab fl-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa. Għas-sena 2022 Birżebbuġa kienet waħda mill-aktar libreriji li jikkonkorru n-nies għaliha, b'hekk il-Kunsill matul din is-sena investa fi xkafef u kotba ġodda permezz ta' skema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

## Attivitajiet

Hekk kif matul is-sena 2021 bdejna naraw ir-ritorn tal-attivitajiet wara l-pandemija, il-Kunsill kompla fejn ħalla u organizza diversi attivitajiet soċjali u kulturali f'Birżebbuġa. Il-Kunsill dejjem kien kommess li jkompli jorganizza attivitajiet ta' kwalità. Il-Kunsill Lokali jemmen li dawn l-attivitajiet huma importanti għal diversi raġunijiet. Waħda minnhom hija li permezz tagħhom tkompli tibni s-sens komunitarju, għaliex dan iservi t'opportunità biex wieħed jinvolvi ruħu fil-ħidma volontarja. Minbarra dan, l-attivitajiet iservu biex jesponu l-karattru u l-patrimonju tal-lokalità, filwaqt li wieħed japprezza ferm aktar il-wirt li jeżisti. Raġuni oħra hija, li permezz tagħhom jiżdied aktar il-kummerċ. Matul l-2022 saru dawn l-attivitajiet:

- 21 ta' Mejju 2022 - Il-Karnival ġewwa Birżebbuġa. Parata fit-toroq ewlenin miż-żewġ baned lokali u żfin.
- 24 ta' Ġunju 2022 - *Buffett* ġewwa lukanda ewlenija f'Buġibba.
- 26 ta' Ġunju 2022 - L-Imnarja fil-Pjazza. Attività bis-sehem ta' l-Għaqda Kumittiva mix-Xagħra Għawdex bi żfin tradizzjonali.
- 30 ta' Lulju 2022 - *Gozo by Night*. Dawra bic-ċuċċu *train* ma' Għawdex u wara għal lejla tradizzjonali ġewwa x-Xagħra
- 10 ta' Settembru 2022 - Jum Birżebbuġa
- 11 ta' Settembru 2022 - Quddiesa flimkien mal-għaqdiet tal-lokal għall-okkażżjoni ta' Jum Birżebbuġa
- 24 ta' Settembru 2022 - Harġa kulturali ġewwa l-Muża u *breakfast*. Wara dawra bil-*fun train* mal-Belt Valletta
- 8 t'Ottubru 2022 - Ġie organizzat trasport għall-Birgu Fest
- 28 t'Ottubru 2022 - *Party* għat tfal tal-Halloween ġewwa l-iskola ta' Birżebbuġa fuq it-tema *Feed in Need.*
- 2-4 ta' Diċembru 2022 - Milied fil-Pjazza
- 4 ta' Diċembru 2022 - *Concerto di Natale*
- 9-11 ta' Diċembru 2022 - *Weekend Break* ġewwa Buġibba
- 13 ta' Diċembru 2022 - Rigal b'imħabba

## Kommunikazzjoni mar-residenti

Il-komunikazzjoni mar-residenti hija ta' prijorità. Matul din is-sena il-Kunsill kompla jsaħħaħ il-komunikazzjoni tiegħu fuq il-paġni soċjali kif ukoll b'mezzi tradizzjonali oħrajn. Il-Kunsill innota li l-paġna uffiċjali tal-Kunsill kompliet iżżid fil-popolarità tagħha u hija l-mezz kif isir kuntatt mal-pubbliku bl-aktar mod faċli u effettiv fid-dinja tal-llum. Naturalment għadna 'l bogħod milli nkunu qed nolqtu lill-maġġoranza tar-residenti u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jaħdem ħalli aktar nies jagħmlu użu minnha. Kull xahar il-Kunsill Lokali jiltaqgħa waqt seduta uffiċjali li tkun *live-streaming* fuq il-website uffiċjali tal-Kunsill. Wkoll kif stippulat bil-liġi, l-Kunsill obbligat li tul is-sena jsejjaħ żewġ laqgħat annwali għall-pubbliku.

## Hruġ ta' diversi sejħiet għall-offerti matul l-2022

1. Sejħa għall-offerti għal servizz ta' *tipper van* għall-Kunsill Lokali Birżebbuġa.
2. Sejħa għall-offerti għal provista u nstallazzjoni ta' materjal għall-bandli u għamara fit-toroq.
3. Sejħa għall-offerti għal ġbir ta' skart goff minn ġewwa l-lokalità.
4. Sejħa għall-offerti għal *Contracts Manager.*
5. *Call for Quotation* għal sevizz ta' Konsulent Ambjentali mal-Kunsill Lokali.
6. *Call for Quotation* għal konservazzjoni u restawr t'injam u għamara fil-Kappella tal-Familja Imqaddsa.

## Pjanijiet għas-sena 2022/2023

Il-pjan ewlieni tal-Kunsill Lokali huwa li matul is-sena 2022 jibqa' jġedded u jkabbar l-operat tiegħu filwaqt li jkompli joħloq servizzi ġodda għall-benefiċċju tal-kommunità. Wieħed mill-aktar proġetti li qiegħed iħares lejh b'ottimiżmu hu l-bini taċ-Ċentru Ċiviku lokali u l-ftuħ tal-Berġa tas-saħħa moderna. Il-Kunsill Lokali jinsab determinat li jkompli jagħti l-aqwa servizzi lir-residenti ta' Birżebbuġa. Il-Kunsill jinsab determinat li jibdel u jtejjeb il-faċilitajiet rikerattivi tal-bandli tal-lokal. Apparti minn hekk il-Kunsill se jkompli jaħdem għal aktar infurzar b'installazzjoni ta' aktar CCTV fiż-żona ta' Wied il-Buni. Il-Kunsill se jkompli jaħdem qatiegħ sabiex jiġi finalizzat il-proġett tad-dawl fil-Bajja s-Sabiħa, il-pjazza ta' Bengħajsa u Misraħ San Ġorġ Preca, apparti minn hekk se jkompli jkun kollaboratur importanti fejn jidħlu l-bini ta' toroq ġodda dawk fl-urban u dawk rurali.

# 3. Rapport Finanzjarju għas-sena 2022

Matul is-sena 2022, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kellu żieda fid-dħul li jircievi mill-allokazzjoni tal-Gvern. Din iż-żieda ġiet attritbwieta minn żieda fl-allokazzjoni annwali, u kif ukoll minn żiedet oħra permezz ta' skemi u inizzjattivi li l-Kunsill Lokali applika u rnexxielu jibbenefika minnhom.

Fejn jidħol dħul, il-Kunsill Lokali kellu żieda mill-permessi u kif ukoll żieda mis-sistema tal-*Local Enforcement System*. Dan irriżulta għal dħul ta' €1,004,023.

Meta wieħed inaqqas l-ispejjeż mid-dħul, il-Kunsil Lokali ta' Birżebbuġa għalaq is-sena bi profit ta' €4,618.

Grazzi għall-ħidma tajba tal-Kunsill u l-amminstrazzjoni, il-Kunsill Lokali fl-aħħar tas-sena kien f'pozzijoni li jippjana u jibda jwettaq numru ta' proġetti u investimenti kapitali għal matul is-sena 2023. Iżjed 'l isfel hemm statement finanzjarju dwar dan kollhu fid-dettal.

Local Council Birzebbuga

**Statement of Profit or Loss and Other Comprehensive Income**
**for the year ended 31 December 2022**

| | Notes | 2022 € | 2021 € |
|---|---|---|---|
| **Revenue** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | 974,823 | 955,755 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 4 | 1,189 | 946 |
| Income raised under Local Enforcement System | 5 | (5,466) | 5,546 |
| General Income | 6 | 33,477 | 28,977 |
| | | 1,004,023 | 991,224 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 7 | (235,316) | (204,477) |
| Operations and maintenance | 8 | (431,138) | (343,198) |
| Administration and other expenditure | 9 | (332,951) | (304,891) |
| | | (999,405) | (852,566) |
| **Operating profit for the year** | | 4,618 | 138,658 |
| **Profit for the year** | | 4,618 | 138,658 |

The notes on pages 9 to 29 form an integral part of these financial statements.

5

Local Council Birzebbuga

**Statement of Financial Position**
**as at 31 December 2022**

| | Notes | 2022 € | 2021 € |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-Current Assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 11 | 449,305 | 401,795 |
| Intangible assets | 10 | 1,862 | 3,259 |
| | | 451,167 | 405,054 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 12 | 117,267 | 106,713 |
| Cash at bank and in hand | 13 | 1,402,668 | 1,348,459 |
| | | 1,519,935 | 1,455,172 |
| **Total Assets** | | 1,971,102 | 1,860,226 |
| **RESERVES** | | | |
| Retained earnings | | 1,379,868 | 1,375,250 |
| **Total reserves** | | 1,379,868 | 1,375,250 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 14 | 287,813 | 181,555 |
| Short-term borrowings | 15 | 303,421 | 303,421 |
| | | 591,234 | 484,976 |
| **Total Liabilities** | | 591,234 | 484,976 |
| **Total reserves and liabilities** | | 1,971,102 | 1,860,226 |

These financial statements were approved by the Local Council on 17th April 2023 and signed on its behalf by:

Scott Camilleri
Mayor

Jordy Brincat
Acting Executive Secretary

The notes on pages 9 to 29 form an integral part of these financial statements.

6

## 4. Konklużjoni finali

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa huwa marbut, sabiex fuq kollox ikompli jattwa l-pjan ta' ħidma li sar għas-snin 2023-2024.

Naturalment, huwa impossibbli li tagħti rendikont dettaljat ta' dak kollu li jkun sar u ġara matul is-sena preċedenti, iżda tajjeb li wieħed ifakkar li, apparti dan kollu msemmi hawn fuq, il-Kunsill, permezz tal-amministrazzjoni, qiegħed jimmaniġġja wkoll diversi kuntratti li diġa huma attwali u dawk ġodda. Madankollu, ninsabu konvinti, li b'dan kollu, wieħed jista' jieħu stampa ċara li għalkemm dejjem ikollna sfidi kbar, il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul din is-sena, kienet waħda kbira. Wieħed irid jifhem ukoll li l-Kunsill Lokali waħdu ma jista' jagħmel xejn. Għalhekk, li kieku ma kienx għall-involviment ta' numru kbir ta' nies, ħafna minn dan ix-xogħol ma kienx jista' jitwettaq u jsir. Lil dawn kollha, il-Kunsill Lokali jirringrazzjahom għall-ħidma u l-inkoraġġiment tagħhom fil-lokalità tagħna.

**Approvat illum it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023 waqt Seduta numru 65.**

**IFFIRMATA**

______________________

**Scott Camilleri**
*Sindku*
Kunsill Lokali Birżebbuġa

**IFFIRMATA**

___________________________

**Jordy Brincat**
*Segretarju Eżekuttiv*
Kunsill Lokali Birżebbuġa